

(2) Kendrion NV hija kkundannata għall-ispejjeż ta' dan l-appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 80, 17.03.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Novembru 2013 — Groupe Gascogne SA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-58/12 P) <sup>(1)</sup>

**(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż tal-plastik industrijali — Imputabbiltà lill-kumpannija parent tal-ksur imwettaq mill-kumpannija sussidjarja — Teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul mill-bejgħ globali tal-grupp għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu massimu tal-multa — Tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral — Princípu ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva)**

(2014/C 39/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Appellanti: Group Gascogne SA (rappreżentanti: P. Hubert u E. Durand, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u N. von Lingen, aġenti)

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2011, Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni (T-72/06), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għall-annullament parżjali u t-talba għat-tibdil tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 final, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu [81 KE] (Każ COMP/38.354 — Boroż industrijali), dwar akkordju fis-suq tal-boroż tal-plastik industrijali u talba għat-tibdil tal-imsemmija deċiżjoni

## Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Groupe Gascogne SA hija kkundannata għall-ispejjeż ta' dan l-appell.

<sup>(1)</sup> ĠU C 89, 24.03.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tad-19 ta' Novembru 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-63/12) <sup>(1)</sup>

**(Rikors għal annullament — Deċiżjoni 2011/866/UE — Aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet u tal-pensionijiet tal-uffiċjali u tal-membri tal-personal oħra tal-Unjoni Ewropea — Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal — Metodu ta' aġġustament — Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal — Klaw-żola ta' eċċeżżjoni — Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal — Deterjorament serju u għal għarrieda tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali — Aġġustament tal-koefiċċjenti ta' korrezzjoni — Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal — Deċiżjoni tal-Kunsill — Rifjut li tiġi adottata l-proposta tal-Kummissjoni)**

(2014/C 39/05)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall, D. Martin u J.-P. Keppenne, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Neergaard u S. Seyr, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u J. Herrmann, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, D. Hadroušek u J. Vláčil, aġenti), Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: V. Pasternak Jørgensen u C. Thorning, aġenti), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u N. Graf Vitzthum, aġenti), Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: N. Díaz Abad u S. Centeno Huerta, aġenti), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: C. Wissels u M. Bulterman, aġenti), Ir-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: E. Jenkinson u J. Beeko, assistit minn R. Palmer, barrister)

## Suġġett

Rikors għal annullament — Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/866/UE, tad-19 ta' Diċembru 2011, li tikkonċerna l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensioni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea u l-koeffiċċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU L 341, p. 54) — Nuqqas ta' osservanza tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u tal-membri tal-personal l-oħra tal-Unjoni Ewropea — Użu ħażin ta' poter — Ksur tal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-Artikoli 1, 3 u 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal — Ksur tal-prinċipju "patere legem quam ipse fecisti" — Ksur tal-prinċipju ta' trattament ugħali — Nuqqas ta' motivazzjoni